

Brussell, 7 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9552/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0163 (NLE)

TRANS 327

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-14-il laqgħa tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fir-rigward tal-modifika tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi dwar l-applikazzjonijiet telematiċi għat-trasport tal-merkanzija u r-reviżjoni tal-Anness B tar-Regoli Uniformi tal-ATMF dwar id-derogi, u fil-proċedura bil-miktub tal-Kumitat ta' Reviżjoni tal-OTIF fir-rigward tal-modifika tar-Regoli Uniformi tal-ATMF

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-14-il laqgħa tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fir-rigward tal-modifika tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi dwar l-applikazzjonijiet telematiċi għat-trasport tal-merkanzija u r-reviżjoni tal-Anness B tar-Regoli Uniformi tal-ATMF dwar id-derogi, u fil-proċedura bil-miktub tal-Kumitat ta' Reviżjoni tal-OTIF fir-rigward tal-modifika tar-Regoli Uniformi tal-ATMF

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni ssieħbet fil-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (COTIF) permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata bil-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999¹.
- (2) Skont l-Artikolu 13 § 1, il-punt f), tal-COTIF, ġie stabbilit il-Kumitat ta' Esperti Tekniċi (“CTE”) tal-OTIF.
- (3) Skont l-Artikolu 20 § 1, il-punt b), tal-COTIF, u f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Appendiċi F tal-COTIF dwar ir-Regoli Uniformi dwar il-Validazzjoni tal-Istandards Tekniċi u l-Adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi applikabbli għall-Materjal Ferrovjarju maħsub biex jintuża fit-Traffiku Internazzjonali, is-CTE huwa kompetenti biex jadotta jew jemenda, inter alia, il-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi (“UTP”) dwar l-applikazzjonijiet telematiċi għall-merkanzija (“UTP TAF”).

¹ ĠU L 51, 23.2.2013, p. 8.

- (4) F'konformità mal-Artikolu 20 § 1, il-punt e), tal-COTIF u l-Artikoli 7a u 21 tal-Appendiċi G tal-COTIF dwar Regoli Uniformi li jirrigwardaw l-Ammissjoni Teknika ta' Materjal tal-Ferroviji użat fit-Traffiku Internazzjonali ("ir-Regoli Uniformi tal-ATMF"), is-CTE huwa kompetenti biex jadotta jew jemenda l-Anness B tar-Regoli Uniformi tal-ATMF dwar id-derogi mill-applikazzjoni tal-UTP.
- (5) Is-CTE inkluda, fl-aġenda għall-14-il sessjoni tiegħu, li se ssir fl-14 u l-15 ta' Ġunju 2022, proposta għal deċiżjonijiet biex tiġi emendata l-UTP TAF u r-reviżjoni tal-Anness B tar-Regoli Uniformi tal-ATMF dwar id-derogi mill-applikazzjoni tal-UTP.
- (6) L-objettivi tad-deċiżjoni tas-CTE previsti huma li jallinjaw il-UTP TAF mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/54¹ u li jallinjaw l-Anness B tar-Regoli Uniformi tal-ATMF tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².
- (7) Il-Kumitat ta' Reviżjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13§ 1, il-punt c), tal-COTIF (il-“Kumitat ta' Reviżjoni”), huwa mistenni li jwettaq proċedura bil-miktub biex jiddeċiedi dwar l-emenda tal-Artikolu 3a § 5 u l-Artikolu 15 § 2 tar-Regoli Uniformi tal-ATMF.

¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/541 tas-26 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2014 fir-rigward tas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-kalkolu u l-iskambju tad-data u l-aġġornament tal-proċess tal-Ġestjoni tal-Kontroll tat-Tibdil (ĠU L 108, 29.3.2021, p. 19).

² Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).

- (8) L-objettiv tad-deċiżjoni prevista tal-Kumitat ta' Reviżjoni huwa li jallinja r-Regoli Uniformi tal-ATMF mad-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (9) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CTE u, fir-rigward tar-reviżjoni tar-Regoli Uniformi tal-ATMF, fil-Kumitat ta' Reviżjoni, peress li d-deċiżjonijiet proposti se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (10) Id-deċiżjonijiet previsti tal-OTIF huma f'konformità mal-liġi u mal-objettivi strateġiċi tal-Unjoni, billi jikkontribwixxu għall-allinjament tal-leġiżlazzjoni tal-OTIF mad-dispożizzjonijiet ekwivalenti tal-liġi tal-Unjoni, u għalhekk jenħtieġ li jiġu appoġġati mill-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-14-il sessjoni tas-CTE tal-OTIF fir-rigward tal-modifika tal-UTP TAF u r-reviżjoni tal-Anness B tar-Regoli Uniformi tal-ATMF fir-rigward tad-derogi mill-applikazzjoni tal-UTP għandha tkun kif ġej:

- (1) li ssir votazzjoni favur il-proposta tas-CTE biex tiġi aġġornata l-UTP TAF (dokument ta' ħidma tas-CTE TECH-22004-CTE14);
- (2) li ssir votazzjoni favur il-proposta tas-CTE biex jiġi aġġornat l-Anness B tar-Regoli Uniformi tal-ATMF dwar id-derogi mill-applikazzjoni tal-UTP (dokument ta' ħidma tas-CTE TECH-22005-CTE14).

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub tal-Kumitat ta' Reviżjoni fir-rigward tar-reviżjoni parzjali tar-Regoli Uniformi tal-ATMF għandha tkun li tivvota favur il-proposta tas-CTE li għandhom jiġu emendati l-Artikolu 3a § 5 u l-Artikolu 15 § 2 tar-Regoli Uniformi tal-ATMF (dokument ta' ħidma TECH-22019-CTE14-7).

Artikolu 3

Ladarba jiġu adottati, id-deċiżjonijiet tas-CTE u tal-Kumitat ta' Reviżjoni għandhom jiġu ppubblikati f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, filwaqt li tiġi indikata d-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
